# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ L-AKKADEMJA TAL-MALTI — MARZU 1969

# KOTBA ĠODDA BIL-MALTI

*Il-kotba huma l-frott tal-ħidma tal-moħħ, ta' l-intellett jew tal-ġenju, u aktar ma joħorġu kotba, aktar ifissru li hemm ħeġġa u ħrara intellettwali fil-pajjiż fejn joħorġu; għalhekk ma nistgħux ma nifirħux meta naraw il-għadd dejjem joktor u jiżdied ta' kotba li f'dawn l-aħħar snin kienu ippubblikati f'pajjiżna.*

*Wara l-indipendenza, f'din l-art tagħna qamet xejra ta' tixtil u tiġdid f'kulma għandu x'jaqsam mal-ħajja Maltija, u billi l-moħħ, il-ħsieb u d-dehen huma l-qofol ta' kull tqanqil fil-ħajja tal-bniedem, ma jistax jonqos li dawn it-tliet setgħat ma jwettqux sehemhom fil-progress li jsir f'pajjiż.*

*Mela din hi r-raġuni li ħafna kotba kienu pubblikati f'pajjiżna f'dawn l-aħħar snin. Kienu kotba ta' bosta xeħtiet u għamliet, imma l-aktar ta' xeħta letterarja: poeżija u proża. Aktar ħarġu kotba oriġinali ta' poeżija milli ta' proża, għax hi ħaġa kurjuża li bosta mill-kittieba Maltin aktar issibhom imħajrin jagħmlu sforz qawwi imma ta' żmien qasir biex joħorġu poeżija sabiħa, milli jridu jdumu xhur twal jaħsbu u jħabirku biex jiktbu opra twila, ngħidu aħna, rumanz jew trattat fuq tema artistiku jew xjentifiku.*

*Mid-dehra ħafna mill-awturi Maltin aktar jisħqu fuq il-lehma tal-ħsieb milli fuq id-deffa tax-xogħol, donnhom ma għandhomx sabar jiġbdu fit-tul u jdumu jmaħħu u jberrnu fuq opra klassika. Dan narawh mhux biss fil-poeżija, iżda wkoll fil-proża. Difatti ħafna kittieba jikkuntentaw bi stejjer u novelli qosra, u ftit tassew huma dawk li jindaħlu għal rumanz intier li jħaddan milja sħiħa fl-epoka taż-żmien jew fil-ħajja ta' bniedem.*

*Ta' min isemmi wkoll li l-poeżija li ħarġet dan l-aħħar, fil-kotra tagħha hi ta' xeħta waħda u ta' tifsila l-istess: hi poeżija iebsa, ħarxa u żorra, aktar medhija fin-nuqqasijiet u fil-kruha tal-ħajja milli fil-ġmiel u fis-sedqa tal-ħajja. Hi poeżija li tkidd il-qalb mhux tħenni r-ruħ. Ingħidu li din il-poeżija ta' daż-żmien hi mnissla mill-materjaliżmu modern tal-ħajja li għaddejjin minnha fejn isaltnaw il-*'hippies' *bil-*'pop music' *tagħhom, imma f'kull epoka tad-dinja kien hemm tqanqiliet li meta nħassu, qajmu ħafna għajdut u donnhom riedu jħottu kulma kien sar qabilhom biex jagħtu sura ġdida, iżda billi kienu nħolqu mill-ambizzjoni u mhux mill-ġenju, malli għaddiet il-mewġa tagħhom, waqgħu fil-belliegħa tar-radda taż-żmien.*

*Bosta minn dawn l-awturi jinqdew bi stil, b'sura u b'lehma li huma għal kollox kuntrarji ta' dawk li kitbu qabilhom, donnhom biex juru*

*kemm dawn baqgħu lura u fil-għama, filwaqt li l-moderni mxew 'l quddiem u tgħallmu. Din hi fehma ikonoklastika, fehma ta' min iħoss ruħu tant kburi li ma għandux jitqies ma' min huwa aqwa minnu u għalhekk jixtieq ikissru jew iwarrbu biex jeħles minnu.*

*Wieħed josserva wkoll li fost il-kotba ġodda li qegħdin joħorġu qajla ssib wieħed fuq xjenza, fuq arti jew fuq pedagoġija. Kotba bħal dawn huma meħtieġa wisq għat-tagħlim taż-żgħar, u tal-kbar ukoll. Il-qari ta' kotba ma għandux ikun biss għall-mogħdija taż-żmien, iżda għandu jservi wkoll biex igħallem u biex jiftaħ il-moħħ u biex jaqdi lill-qarrej fil-ħtiġijiet tiegħu.*

*Ħafna huma dawk li jaħsbu li waħda mir-raġunijiet ta' l-injuranza f'pajjiżna hi n-nuqqas ta' kotba ta' tagħlim, u sakemm ma jkollniex minnhom f'ilsienna, ikollna ninqdew b'kotba barranin li ħafna Maltin ma jafux jaqrawhom u ma jifhmuhomx, u wkoll x'uħud minnhom ma jgħoddux għal idejn in-nies tagħna.*

*F'Malta għandna min hu kapaċi jikteb xogħlijiet għat-tagħlim tal-poplu. Għandna awturi li jinqalgħu ħafna f'dik li hi arti, xjenza u istruzzjoni, u fosthom hemm dawk li kitbu opri edukativi f'ilsna barranin; mela kulma jeħtieġ hi rieda, xogħol u ħsieb biex joħorġu kotba ta' tagħlim li jiftaħ il-għajnejn, juri t-triq u jqajjem ħeġġa għat-tagħlim fost il-poplu tagħna.*

*Nittamaw li mal-kotba letterarji jibdew joħorġu wkoll oħrajn edukativi li huma tant meħtieġa f'pajjiżna.*